SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA**

**12 ta' Ottubru, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Alfred Mangion, Robert Vella Bonnici u Janet Barthet.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Il-Viċi *Chairperson* ippresjeda.

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

4.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tat-tielet laqgħa tal-Kumitat.

4.1.2 Emenda mressqa mill-Membru Robert Vella Bonnici:

4.1.3 "Il-Kumitat jaqbel li minuta 3.5.1 titħassar peress li hi *ultra vires*."

4.1.4 Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo daħal għal-laqgħa. (6.10pm)

4.1.5 Din l-emenda kienet diskussa iżda l-laqgħa ġiet sospiża fis-6.10 ta' filgħaxija peress li kienet skedata laqgħa nformali mal-Membri tal-Kunsill.

4.1.6 Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda t-tkomplija tal-laqgħa. (6.40pm)

4.1.7 Sar dibattitu dwar l-emenda mressqa mill-Membru Vella Bonnici fejn kien diskuss kif is-Segretarju Eżekuttiv ma kienx f'pożizzjoni li jippreżenta rendikont finanzjarju sħiħ tal-Kumitat tal-Kappara peress li ma kellux l-informazzjoni teknika kollha meħtieġa.

**4.1.7A "Il-Membru Robert Vella Bonnici irtira l-emenda mressqa iktar qabel (4.1.2 u 4.1.3)."**

**Emendata Laqgħa 5**

4.1.8 Iċ-*Chairperson* ressaq din il-mozzjoni:

4.1.9 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tat-tielet seduta kif imressqa kif ukoll li ssir verifika mad-Direttur Ġenerali dwar il-preżentazzjoni tar-rendikonti finanzjarji lil kumitat xahar b'xahar u malli tkun mogħtija risposta tiġi msejħa laqgħa ad hoc.*"

**4.1.9A "Il-Membru Robert Vella Bonnici ma jaqbilx ma' minuta 4.1.9"**

**Emendata Laqgħa 5**

4.1.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Membru Alfred Mangion u approvata unanimament.

4.1.11 Fir-rigward ta' minuta 3.2.2 il-Kumitat wera d-diżappunt tiegħu għal fatt li TM ma kienux taw risposta, fejn kien hemm qbil fi żmien raġonevoli l-Kumitat jesiġi risposta.

4.1.12 Dwar minuti 3.2.8, il-Kumitat qabel li wara s-suċċess li ħalliet t-tneħħija tal-iskip minn Triq Birkirkara jevalwa l-possibilita' li titneħħa il-*bring in site* mill-istess post u titqegħed ukoll fi Triq Ġ. Despott.

4.1.13 Kien hemm qbil li dan jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

4.1.14 Dwar minuta 3.2.2, kienet diskussa l-problema tat-taraġ li jinsab fi Triq l-Alwett.

4.1.15 Il-Kumitat qabel li jagħmel talba lil Kunsill sabiex ikollu rappreżentanza fil-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerti maħruġa mill-Kunsill.

4.1.16 Dwar minuta 3.2.12, filwaqt li kien innotat li l-Kumitat mexa skont il-proċeduri, qabel li jittieħed parir legali dwar possiblita‘ ta’ passi legali fil-konfront ta’ *email* mibgħuta dwar dan is-suġġett.

## 4.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

4.2.1 Iċ-*Chairperson* informa lil Kumitat li kien ġie allokat €500 fl-inizjattiva lokalitajiet indaf, fejn kien hemm qbil li jiġi stampat *leaflet* ta’ nformazzjoni dwar is-servizzi tal-iskart, fejn kien stmat li l-istampar tiegħu jiswa madwar €180.

4.2.2 Iċ-*Chairperson* ta rendikont tal-laqgħa li saru ma’ diversi Membri Parlamentari nkluż il-Prim Ministru.

4.2.3 Iċ-*Chairperson* semma li kien innotat titjieb fis-sitwazzjoni tat-trasport fi Triq Antonio Schembri matul il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ mill-iskola li tinsab f’din it-triq.

4.2.4 Dwar l-applikazzjoni tal-*flyover*, iċ-*Chairperson* semma li hemm indikazzjonijiet posittivi favur ir-residenti.

4.2.5 Il-Kumitat kien infurmat li saru t-talbiet għal laqgħa maż-żewġ ambaxxati li jinsabu fil-Kappara.

4.2.6 Kienet diskussa l-possiblita li jsiru *bollards* fi Triq Antonio Schembri u l-madwar, fejn kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar dan.

4.2.7 Kien innotat li ittra mibgħuta lil ġenituri tal-tfal li jattendu *Chiswick House School* ma kien indikat xejn dwar dak imwiegħed lil Kumitat fir-rispett ta’ parkeġġ u kontroll tat-traffiku.

4.2.8 Kien deċiż li jsir komunikat maċ-*Chiswick House School* dwar dan.

4.2.9 Kienu approvati manutenzjoni ta’ tabelli tat-traffiku eżistenti f’diversi toroq, ħidma li kienet se tiġi ko-ordinata ma’ xogħlijiet oħra li għandu l-Kunsill Lokali.

4.2.10 Kien hemm qbil li l-*Contracts Manager* jagħti rendikont lil Kumitat dwar ħaxix ħazin li jinsab fi Triq l-Ispanjulett.

4.2.11 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fit-7.48 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum **9 Novembru, 2010**

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |